**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**
**ONOR. NOEL V. ARRIGO, LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 19 ta' April, 2001**

**Numru**

**Att ta' Akkuza Nru. 4/2000**

**Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Herman Zammit**

**Il-Qorti,**

Din hija sentenza fuq appell maghmul minn l-akkuzat Herman Zammit kontra s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti Kriminali fil-31 ta' Lulju, 2000, liema sentenza taqra kif gej:-

> "Il-Qorti,
>
> Rat l-Att ta' Akkuza nru. 4/2000;
>
> Rat in-nota ta' l-Avukat Generali tas-27 ta' Lulju, 2000, li permezz taghha huwa irtira u ceda l-aggravji kollha tas-serq migjuba fir-rigward ta' Herman Zammit hlief ghall-aggravju tal-valur ta' aktar minn elf lira, u bhala konsegwenza iddikjara li l-piena li kienet qed tintalab fil-konfront tal-imsemmi Zammit kienet ta' prigunerija ta' mhux aktar minn seba' snin;
>
> Semghet, fl-udjenza ta' nhar il-Gimgha, 28 ta' Lulju, 2000, l-ammissjoni ta' Herman Zammit ghall-akkuza migjuba kontra tieghu fl-Att ta' Akkuza msemmi (kif modifikata bin-nota ta' l-Avukat Generali msemmija), f'liema ammissjoni huwa ppersista anke wara li gie mwissi bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali ta' tali ammissjoni u nghata anke zmien biex jahsibha u jekk irid jerga lura minn dik l-ammissjoni, u dan kif rikjest bl-Artikolu 453 tal-Kodici Kriminali;

Tiddikjara lill-istess Herman Zammit hati ta' komplicita` f'serq kwalifikat bil-valur (aktar minn elf lira), u cioe` talli b'xi modli jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew awturi tas-serqa fl-atti li bihom id-delitt gie ppreparat jew ikkunsmat, jew xewwex lil haddiehor inkella sahhah il-volonta` tieghu sabiex jaghmel id-delitt jew weghdu li wara l-fatt jassistih, jieqaf mieghu jew jikkumpensah;

Semghet lill-Avukat Dott. Michael Sciriha ghall-hati u lill-Avukat tar-Repubblika Anzjan Dott. Mark Said ghall-prosekuzzjoni dwar il-piena; semghet lil Joseph Chetcuti u lir-Reverendu Kappillan Dun Vincenz Democli jixhdu dwar il-karattru tal-hati; hadet in konsiderazzjoni ic-cirkostanzi kollha; ikkunsidrat;

Illi f'dan il-kaz qed jingiebu 'l quddiem, mill-abbili difensur tal-hati, bhala fatturi mitiganti l-piena principalment is-segwenti cirkostanzi: il-karattru tal-hati, fis-sens li ghandu fedina penali prattikament nadifa, huwa bniedem tal-familja, u bniedem fdat mill-*employer* tieghu (Joseph Chetcuti, aktar 'l fuq imsemmi); ir-rwol tieghu in konnessjoni mas-serqa *de quo*, rwol deskritt minn Dott. Sciriha bhala "minimu" jew "marginali" fil-kwadru ta' dak kollu li sehh; il-fatt li f'xi zmien il-hati kellu wiehed minn uliedu dipendenti fuq id-droga, u f'dan il-periodu hu ta s-support kollu tieghu lill-agenzija Sedqa; kif ukoll il-fatt li l-hati ammetta l-partecipazzjoni tieghu fid-delitt kemm fil-kors ta' l-investigazzjoni mill-pulizija, kif ukoll qed jammetti l-htija tieghu f'dana l-istadju relattivament bikri tal-proceduri gudizzjarji b'mod ghalhekk li ghandhom japplikaw il-principji enuncjati minn din il-Qorti fis-sentenza taghha ta' l-24 ta' Frar, 1997 fil-kawza fl-ismijiet *Ir-Repubblika ta' Malta v.Nicholas Azzopardi* fil-kaz meta jkun hemm ammissjoni;

Issa, din il-Qorti sejra certament tiehu in konsiderazzjoni l-linji gwida minnha stess enuncjati fis-sentenza *Ir-Repubblika ta' Malta v. Nicholas Azzopardi*. Mill-banda l-ohra, pero`, ghandu jinghad li hemm ukoll cirkostanzi li jimmilitaw <u>kontra</u> l-ghoti ta' xi piena fil-minimu taghha jew qrib il-minimu, jew l-ghoti ta' piena ta' prigunerija sospiza kif talab id-difensur tal-hati. Huwa veru li, f'certu sens, ir-rwol ta' Zammit fil-preparazzjoni tas-serqa kien limitat, pero` dan ir-rwol kien ukoll wiehed <u>determinanti</u>, peress li kien propju hu li laqqa' tnejn minn-nies flimkien biex ikunu jistghu jippjanaw is-serqa – f'dan is-sens Zammit kien wiehed mill-<u>promoturi</u> tas-serqa. Inoltre Zammit ghamel dak li ghamel ghal motivi venali, cioe` ghax kien qed jippretendi parti mill-flus li jinsterqu; u hu kien jaf ukoll li s-serqa kellha ssir a dannu ta' kumpanija tas-sigurta`, u ghalhekk ma setax ma jirrealizzax li involuti kien ser ikun hemm ammonti kbar ta' flus, kif ukoll flus mhux ta' l-imsemmija kumpanija izda ta' terzi persuni. F'din l-affari kollha Zammit agixxa *con pieno avvertimento e con deliberato consenso*. Il-Qorti ma tistax tinjora wkoll l-ammont ta' flus li effettivament insterqu u l-fatt li r-refurtiva baqghet ma instabitx;

Rat l-Artikoli 22, 42, 43, 261(c), 279(b) u 533 tal-Kodici Kriminali;

Tikkundanna lill-imsemmi Herman Zammit ghall-piena ta' hames (5) snin prigunerija mill-lum; tikkundannah ukoll ihallas lir-registratur is-somma ta'

> mija erbgha w hamsin lira u hamsa w erbghin centezmu (Lm154.54c) rappresentanti nofs l-ispejjez peritali inkorsi f'dawn il-proceduri, u dan fi zmien xahar mill-lum".

Minn dik l-istess sentenza appella l-akkuzat permezz ta' rikors ta' l-appell ipprezentat fl-14 ta' Awissu, 2000, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn fuq ammissjoni tieghu stess sabitu hati, thassarha fil-piena billi minflok il-piena inflitta timponi piena ohra aktar gusta u ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz odjern;

Il-Qorti tibda biex tghid illi qed thossha urtata bin-numru ta' appelli li qeghdin jigu prezentati wara li tkun inghatat sentenza bazata fuq l-ammissjoni ta' l-istess akkuzat. Anke jekk l-appell, kif hafna drabi jigri, ghalkemm mhux dejjem, ikun limitat ghal dik li hija piena, il-mod kif qed isiru l-appelli m'huwiex dak illi tradizjonalment din il-Qorti kienet lesta li taccetta.

F'dan il-kaz partikolari l-appellant li kien passibbli ghall-piena ta' prigunerija ta' mhux inqas minn 6 snin u mhux izjed minn 12-il sena skond l-Att ta' l-Akkuza migjub kontra tieghu, gie kkundannat ghal 5 snin li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li ghamel taht arrest preventiv, in konnessjoni ma' dan il-kaz, u dehrlu li ghandu ragun jilmenta mil-mod kif gie trattat mill-ewwel Qorti minhabba li jidhirlu li l-ewwel Qorti ma ttrattatx mieghu gustament. Jidhirlu li tenut kont tal-fedina penali tieghu, tac-cirkostanzi personali tieghu, tac-cirkostanzi rigwardanti l-kaz u anke ta' xi gurisprudenza li tezisti relattiva ghal meta jkun hemm ammissjoni, hu kien haqqu inqas.

Din il-Qorti semplicement ma taqbel xejn mieghu u ma tarax li s-sottomissjonijiet tieghu jimmeritaw aktar attenzjoni minn daqshekk u sejra konsegwentement tirrigetta l-istess appell minnu interpost. Huwa ultra evidenti li l-ewwel Qorti kienet konsiderata u moderata hafna fis-sentenza taghha u l-appell odjern ma jistax jigi konsidrat favorevolment.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi respint u s-sentenza appellata qed tigi konfermata.

Dep/Reg
mm